**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA**

**LAQGĦA NRU 11**

**Il-Ħamis, 7 ta' Novembru 2024**

Il-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ltaqa' fil-Kamra tal-Kumitati fil-binja tal-Parlament, il-Belt Valletta, fis-1.04 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**PREŻENTI**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Ryan Callus u l-Onor. Mark Anthony Sammut.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-laqgħa nru 10 tat-8 ta' Lulju 2024 kienu approvati.

**DOKUMENTI**

Għal fini ta' rekords l-Ispeaker informa lill-Kumitat illi huwa kien għadda lill-Membri:

Dok. 20 Rapport dwar Investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/059 datat 22 ta' Lulju 2024 dwar ilment dwar *Ħatriet abbużivi ta' qraba ta' ministri*

Dok. 21 Rapport dwar Investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/056 datat 26 ta' Lulju 2024 dwar ilment dwar *Diskussjoni ma' membru tal-ġudikatura dwar l-għoti ta' sentenzi mingħajr ma ġiet segwita proċedura formali*

Dok. 22 Rapport dwar Investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/058 datat 30 ta' Awwissu 2024 dwar ilment dwar *Ħruġ ta' stqarrija uffiċjali li tinkludi kontenut ta' natura partiġġjana,* u

Dok. 23 Rapport dwar Investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/051 datat 24 ta' Ottubru 2024 dwar ilment dwar *Użu indebitu ta' fondi pubbliċi sabiex tingħata pubbliċità lill-Ministru Miriam Dalli*.

**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI MILL-KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA (KAŻ K/042)**

L-Ispeaker għamel referenza għar-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika dwar il-każ K/042 li huwa kien irċieva mill-istess Kummissarju u li kien għadda mill-ewwel lill-membri tal-Kumitat.

Wara diskussjoni qasira l-Kumitat qabel li r-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għandu jsir pubbliku.

Dok. 24 Rapport dwar Investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/042 datat 23 ta' Ottubru 2024 dwar ilment dwar *Favuritiżmu jew abbuż ta' poter fl-ingaġġ tas-Sa Amanda Muscat fil-Ministeru għat-Turiżmu u sussegwentement fil-Ministeru għal Għawdex*.

Fid-dawl taż-żmien li kien għadda sabiex ir-rapport isir pubbliku, il-Kumitat qabel li tiġi indikata data għal-laqgħa li jmiss li fiha jiddiskuti jekk dan ir-rapport għandux jiġi addottat, u dan mingħajr il-ħtieġa li jisma' lill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI MILL-KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA (KAŻ K/052) – KONT.**

Il-Kumitat kompla l-konsiderazzjoni tiegħu tar-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika dwar il-każ K/052 mil-laqgħa tat-8 ta' Lulju 2024, fejn il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, il-Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi ppreżenta r-rapport tiegħu, u li traskrizzjoni tagħha ġiet imqassma lill-membri tal-Kumitat fit-30 ta' Lulju.

L-Onor. Ryan Callus talab illi għal-laqgħa li jmiss ikunu mistieden il-Prim Ministru, l-Onor. Robert Abela, sabiex jidher quddiem il-Kumitat. L-Onor. Jonathan Attard ġibed l-attenzjoni illi kif sar f'każijiet preċedenti dan ikun jista' jsir biss fil-każ illi l-Kumitat jadotta r-rapport inkwistjoni. L-Onor. Ryan Callus iċċara illi l-Prim Ministru għandu jiġi msejjaħ sabiex issir investigazzjoni ulterjuri tal-każ. Il-Kumitat ma qabilx li jiġi msejjaħ il-Prim Ministru.

Wara li l-Ispeaker ra li d-diskussjoni kienet eżawrita huwa għadda biex iqiegħed il-mistoqsija dwar l-addozzjoni tar-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika dwar il-każ K/042. Il-Membri vvutaw kif ġej:

**Votazzjoni Nru 3**

| **Favur** | **Kontra** |
|---|---|
| Onor. Ryan Callus | Onor. Jonathan Attard |
| Onor. Mark Anthony Sammut | Onor. Andy Ellul |

Peress illi l-voti fil-Kumitat kienu ndaqs, skont Artiklu 26 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, li jgħid illi meta l-voti jkunu ndaqs l-Ispeaker għandu jkollu vot deċiżiv iżda ma jkollux vot oriġinali, l-Ispeaker informa lill-Membri illi kien ser jagħti l-vot tiegħu. L-Ispeaker immotiva d-deċiżjoni tiegħu kontra l-addozzjoni tar-rapport, u għalhekk ir-rapport bir-referenza K/042 ma ġiex addottat.

## XOGĦOL IEĦOR

**Rapport dwar investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika (Każ K/058)**

L-Ispeaker informa lill-Kumitat illi dwar ir-rapport bir-referenza K/058, minkejja li r-rapport ġie mgħoddi biss għall-informazzjoni tal-Membri peress illi l-każ ġie meqjus bħala magħluq mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, huwa kien qiegħed iressaq lill-Kumitat korrispondenza li għaddiet bejn l-Onor. Karol Aquilina u l-istess Kummissarju dwar dan il-każ, u dan fuq talba li kienet saret mill-Onor. Ryan Callus. Huwa qassam lill-Membri:

| | |
|---|---|
| Dok. 25 | Ittra mill-Onor. Karol Aquilina lill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika datata 3 ta' Settembru 2024 dwar Rapport dwar Investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/058 datat 30 ta' Awwissu 2024 dwar ilment dwar *Ħruġ ta' stqarrija uffiċjali li tinkludi kontenut ta' natura partiġġjana,* u |
| Dok. 26 | Risposta mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-ittra tal-Onor. Karol Aquilina datata 5 ta' Settembru 2024 |

Fis-1.28 p.m. il-Kumitat kien sospiż għal ftit mumenti.

Wara diskussjoni qasira l-Kumitat qabel li l-każ kien qed jiġi kkunsidrat bħala magħluq.

Fis-1.30 p.m. il-Kumitat aġġorna għall-Ħamis, 21 ta' Novembru 2024 fl-4.00 p.m.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**